**23 ta' Ġunju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

John Borg

***Dangerous Drugs Ordinance* - Pussess**

*Il-presenza ta' oġġett f'post (dar, karozza, kamra, eċċ) li fuqu persuna għandha xi forma ta' kontroll tista', taħt ċerti ċirkostanzi, tammonta għall-pussess ta' dak l-oġġett; u jekk dak l-oġġett jirriżulta bħala fatt li hu droga taħt il-Kap. 101, allura l-liġi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bażi ta' probabbilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oġġett kienet droga.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra

John Borg talli f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 ta' Settembru, 1994 kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis, kollha jew parti minnha, bi ksur ta' l-artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-29 ta' Marzu, 1996 li biha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Borg *ħati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu, ikkundannatu* multa ta' mitejn lira (Lm200) kif ukoll ordnatlu jħallas lir-Reġistratur l-ispejjeż ta' l-espert forensiku; dik il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska u d-distruzzjoni tad-dokument N.H.1 b'opera ta' *Dr. Anthony Abela Medici;*

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi John Borg, minnu ppreżentat fil-11 ta' April, 1996 li bih talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża; semgħet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta' Diċembru, 1996; ikkunsidrat:

Illi l-aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, li l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova, sal-grad li trid il-liġi, il-*pussess tal-Cannabis in kwistjoni da parti tiegħu.* Dwar x'jammonta għal pussess għall-finijiet tal-liġi in dizamina, din il-Qorti diġa' kellha l-opportunita' li telebora dwaru fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Ottubru, 1996 fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan.*** *F'dik is-sentenza* din il-Qorti osservat li l-presenza ta' oġġett f'post (dar, karozza, kamra, eċċ.) li fuqu persuna għandha xi forma ta' kontroll tista', taħt ċerti ċirkostanzi, tammonta għal pussess ta' dak l-oġġett; u *jekk dak l-oġġett jirriżulta bħala fatt li hu droga li taqa' taħt il-*Kap. 101, allura l-liġi tippresumi, salv prova kuntrarja, imqar fuq bażi ta' probabbilita', li l-pussessur kien jaf li dak l-oġġett kienet droga (ara ukoll **P.** ***vs*** **Charles Clifton**, App. Krim., 5 ta'

Lulju, 1982). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in diżamina, din il-Qorti ma tara li hemm ebda raġuni għala għandha tiddisturba l-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti. Dik il-konklużjoni kienet waħda li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għaliha a bażi tal-provi li kellha quddiemha. Il-kontenitur bil-ftit weraq jew trab tal-Cannabis jirriżulta li kien moħbi ġos-*seat* tad-*driver* minn taħt. Id-deskrizzjoni li ta *Second Lieutenant* Michael Cardona ma tħalli ebda dubbju dwar dan;

"Fil-fatt jien daħħalt idejja taħt is-seat u ma ħassejt xejn, tajt xi daqtejn fuq is-seat u ħassejt xi ħaġa taqa'. U fil-fatt meta mbagħad erġajt daħħalt idejja sibt dak li ġie esebit. Meta jien ftaħtu dak l-istoċċ u rajt x'kien fih issuspettajt ħażin";

Il-karozza in kwistjoni ma kinitx waħda mikrija (bħalma kien il-każ fil-kawża kontra Seiffeddine Mohamed Marshan, appena ċitata) u għalkemm l-appellant qal li l-vettura kien iħalliha Malta meta jsiefer b'mod li setgħet tużaha l-ħabiba tiegħu Rita Schembri, ma hemm xejn x'jindika, imqar fuq bażi ta' probabbilita', li din Rita Schembri kellha xi konnessjoni ma' dak li nstab jew li xi terza persuna ppjantat il-kontenitur jew stoċċ fejn sabuh il-pulizija u l-membri tal-forzi armati ma waqqfux il-karozza ta' l-appellant fuq xi informazzjoni li kellhom, iżda waqqfuha *at random* waqt l-imsemmi *road block*. L-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tieħu ukoll in konsiderazzjoni, sabiex tasal għall-konklużjoni tagħha tal-pussess xjenti tal-Cannabis, il-fatt li fl-istess vettura ta' l-appellant instab pakketta karti Rizla. Għalkemm l-appellant jgħid li dawk il-karti kien jużahom biex ipejjep tabakk tal-brim, ma jirriżultax li waqt it-tfittxija instab xi tabakk simili, jew li l-appellant, f'xi ħin, urihom xi tabakk li hu jgħid li kien ipejjep;

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-

**sentenza appellata.**